



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



11179/12

(OR. en)

PRESSE 261

PR CO 38

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3176 laqgħa tal-Kunsill

Agrikoltura u Sajd

Lussemburgu, 18 ta' Ġunju 2012

President **Is-Sinjura Mette GJERSKOV**
Ministru tal-Ikel, l-Agrikoltura u s-Sajd tad-Danimarka

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 8352 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

11179/12

1
MT

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

*Rigward l-agrikoltura, il-ministri kellhom dibattitu pubbliku dwar il-kwistjoni speċifika tal-**iżvilupp rurali** fil-qafas tar-riforma tal-PAK.*

*Barra minn hekk, il-Preżidenza ppreżentat lill-Kunsill **rapport ta' progress tagħha** dwar ir-riforma tal-politika agrikola komuni (PAK).*

*Il-Kunsill imbagħad adotta konklużjonijiet dwar il-**protezzjoni u l-benesseri tal-annimali**.*

*Finalment, il-ministri ingħataw informazzjoni dwar il-**protezzjoni taż-żerriegħa fl-Istati Membri**, il-laqgħa tal-G20 dwar l-agrikoltura fil-Messiku, l-**abbozz ta' konklużjonijiet** dwar l-impatt tar-reżistenza antimikrobjali, **rapport** dwar il-**produzzjoni organika** u s-sitwazzjoni tas-suq tal-**ħalib** u l-**prodotti tal-ħalib**.*

WERREJ¹

PARTEĊIPANTI	5
---------------------------	----------

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Riforma tal-PAK - żvilupp rurali	7
Riforma tal-Politika Agrikola Komuni - rapport ta' progress	9
Benessri tal-animali.....	10
Affarijiet oħra.....	12

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI*AGRIKOLTURA*

– Pożizzjoni tal-UE fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid	16
– Sħubija Ewropea għall-innovazzjoni dwar l-agrikoltura	16

LIĠI DWAR L-IKEL

– Bord amminsitrattiv tal-EFSA - Ħatra ta' seba' membri	17
---	----

PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

– Programm tal-konsumatur 2014-2020	17
---	----

AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

– Disinji għall-muniti tal-euro.....	18
--------------------------------------	----

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

– EUA VSEC South Sudan	18
------------------------------	----

L-INDUSTRIJA

– Preskrizzjonijiet tekniċi għal vetturi bir-roti	19
---	----

- ¹
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
 - Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
 - Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

PROPRJETÀ INTELLETWALI

- Konferenza Diplo mat ika tad-WIPO19

PARTEĊIPANTI

Belġju:

Is-Sinjura Sabine LARUELLE

Ministru għall-Klassi Medja, l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju, il-Ħaddiema għal Rashom u l-Agricoltura

Bulgarija:

Is-Sinjura Svetlana BOYANOVA

Viċi Ministru tal-Agricoltura u l-Ikel

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Martin HLAVÁČEK

Viċi Ministru tal-Agricoltura

Danimarka:

Is-Sinjura Mette GJERSKOV

Ministru tal-Ikel, l-Agricoltura u s-Sajd

Ġermanja:

Is-Sinjura Ilse AIGNER

Ministru Federali tal-Ikel, l-Agricoltura u l-Protezzjoni tal-Konsumatur
Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Ikel, l-Agricoltura u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Is-Sur Robert KLOOS

Estonja:

Is-Sur Gert ANTSU

Viċi Rappreżentant Permanenti

Irlanda:

Is-Sur Simon COVENEY

Ministru tal-Agricoltura, l-Ikel u l-Ambjent Marin

Greċja:

Is-Sur Napoleon MARAVEGIAS

Ministru tal-Iżvilupp Rurali u l-Ikel

Spanja:

Is-Sur Miguel ARIAS CAÑETE

Ministru tal-Agricoltura, l-Ikel u l-Ambjent

Franza:

Is-Sur Stéphane LE FOLL

Ministru tal-Agricoltura u l-Agroalimentari

Italja

Is-Sur Mario CATANIA

Ministru tal-Politika Agrikola, Alimentari u dwar il-Forestrija

Ċipru:

Is-Sur Sofoclis ALETRARIS

Ministru tal-Agricoltura, ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent

Latvja:

Is-Sur Edvards SMILTĒNS

Segretarju Parlamentari, Ministeru tal-Agricoltura

Litwanja:

Is-Sur Kazys STARKEVIČIUS

Is-Sur Mindaugas KUKLIERIUS

Ministru tal-Agricoltura
Viċi Ministru tal-Agricoltura

Lussemburgu:

Is-Sur Romain SCHNEIDER

Ministru tal-Agricoltura, il-Vitikultura u l-Iżvilupp Rurali

Ungerija:

Is-Sur György CZERVÁN

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Iżvilupp Rurali

Malta:

Is-Sur Patrick MIFSUD

Viċi Rappreżentant Permanenti

Pajjiżi l-Baxxi:

Is-Sur Henk BLEKER

Ministru tal-Agricoltura u l-Kummerċ Barrani

Awstrija:

Is-Sur Nikolaus BERLAKOVICH

Ministru Federali tal-Agricoltura, il-Forestrija, l-Ambjent u l-Ġestjoni tal-Ilma

Polonja:

Is-Sur Marek SAWICKI

Ministru tal-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

Portugall:

Is-Sur José DIOGO ALBUQUERQUE

Segretarju tal-Istat għall-Agricoltura

Rumanija:

Is-Sur Daniel CONSTANTIN

Ministru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Slovenja:

Is-Sur Branko RAVNIK

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Ambjent

Slovakkja:

Is-Sur Ľubomír JAHNÁTEK

Is-Sinjura Magdalena LACKO-BARTOŠOVÁ

Ministru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Finlandja:

Is-Sur Risto ARTJOKI

Segretarju tal-Istat

Svezja:

Is-Sur Eskil ERLANDSSON

Ministru tal-Affarijiet Rurali

Renju Unit:

Is-Sur Jim PAICE

Ministru tal-Istat għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Riforma tal-PAK - żvilupp rurali

Il-ministri kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta għal regolament dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali ([15425/1/11](#)) fil-qafas tar-riforma tal-PAK ([10687/12](#)).

L-Istati Membri jappoġġaw b'mod wiesa' l-prinċipju li l-PAK għandu b'mod sinifikanti jikkontribwixxi biex jindirizza l-isfidi dwar l-ambjent, il-bijodiversità u l-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Madankollu, l-opinjoni jiet tal-Istati Membri kienu maqsumin dwar l-istabbiliment ta' limitu fil-premessa 28 tal-proposta dwar l-iżvilupp rurali, fejn il-Kummissjoni tissuġġerixxi, bħala linja gwida li l-Istati Membri jonfqu minimu ta' 25% tal-kontribuzzjoni totali mill-FAEŻR għal kull programm ta' żvilupp rurali dwar il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ġestjoni tal-art. Il-Kummissjoni għamlitha ċara li dan ma kienx obligu iżda indikazzjoni minħabba li jista' jkun hemm Stati Membri li jonfqu aktar u oħrajn li jistgħu jonfqu anqas iżda xorta jilhq u l-objettivi ambjentali. Xi delegazzjonijiet opponew rekwiżit minimu filwaqt li oħrajn laqgħu l-proposta u ssuġġerew li jiġi stabbilit obligu vinkolanti għall-Istati Membri kollha. Xi delegazzjonijiet saħansitra talbu li l-persentaġġ jiżdied b'50%. Numru ta' Stati Membri kienu tal-fehma li l-ambitu tiegħu għandu jkun estiż biex jinkludi, fost affarijiet oħra, pagmenti għal Natura 2000, id-direttiva qafas dwar l-ilma u l-azzjonijiet ta' forestazzjoni.

Ir-rati ta' kofinanzjament għall-appoġġ tal-iżvilupp rurali huma parti mill-kaxxa ta' negozjar għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (MFF) (2014-2020). L-Istati Membri tkellmu f'termini ġenerali dwar il-ħtieġa għal sistema sempliċi u mmirata biex l-attivitat jiet ta' finanzjament jilhq u l-objettivi tal-UE għall-iżvilupp rurali. Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tipprevedi rata unika ta' kofinanzjament massimu għal bosta mill-miżuri appoġġati mill-fond agrikolu Ewropew għall-iżvilupp rurali (FAEŻR) bi f'tit eċċezzjonijiet biss li jistgħu jibbenefikaw minn rati ogħla ta' kofinanzjament. Xi delegazzjonijiet esprimew appoġġ għal din il-proposta kif tinsab filwaqt li delegazzjonijiet oħra għamlu numru ta' suġġerimenti għal rata ta' standard ogħla u rati ogħla għall-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-ambjent u l-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll il-ġestjoni tar-riskju u l-innovazzjoni.

Ħafna Stati Membri talbu li ma għandu jkun hemm l-ebda kofinanzjament nazzjonali għat-trasferimenti kollha mill-pilastru I għall-pilastru II.

Ħafna Stati Membri indikaw ukoll li l-miżuri ta' irrigazzjoni kienu kwistjoni pendenti li l-Kunsill għandu jibqa' jara.

Il-pakkett ta' riforma tal-PAK ġie ppreżentat mill-Kummissjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura f'Ottubru 2011. Il-Kunsill diġà għamel dibattiti ta' orjentazzjoni dwar il-proposti għal regolamenti dwar il-pagamenti diretti, l-iżvilupp rurali u dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq unika matul l-aħħar tliet laqgħat tal-Kunsill Agrikoltura f'Novembru u Diċembru tas-sena li għaddiet u f'Jannar ta' din is-sena.

F'Marzu ta' din is-sena l-ministri kellhom dibattitu dwar is-simplifikazzjoni tal-PAK. Waqt il-laqgħa tiegħu f'April, il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-bdiewa żgħażaġh, bdiewa żgħar, appoġġ akkopjat volontarju u żidiet għall-bdiewa f'żoni b'limitazzjonijiet naturali, kif ukoll dwar id-distribuzzjoni interna, id-definizzjoni ta' "bidwi attiv" u l-limitu massimu ta' appoġġ għal azjendi agrikoli kbar. F'Mejju l-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni ieħor dwar l-ekologizzazzjon tal-PAK. Rigward ir-riforma tal-orjentazzjoni tal-PAK, barra mid-dibattitu ta' orjentazzjoni tagħha, il-Presidenza ppreżentat ukoll ir-rapport ta' progress tagħha (ara l-punt li jmiss).

Riforma tal-Politika Agrikola Komuni - rapport ta' progress

Il-Presidenza ppreżentat lill-ministri r-rapport ta' progress tagħha dwar ir-riforma tal-politika agrikola komuni (PAK) ([8949/12](#)).

L-Istati Membri laqgħu b'mod wiesa' ir-rapport ta' progress u b'mod ġenerali qisuh riflessjoni ġusta u akkurata tad-dibattitu fil-Kunsill, li jixħet bażi solida għall-passi li jmiss fil-proċess taħt il-Presidenza Ċiprijotta u dik Irlandiża. Huma nnutaw ukoll li l-presidenzi li jmiss kellhom japprofondixxu d-diskussjonijiet dwar il-kwistjonijiet miftuħa. Xi delegazzjonijiet ikkumentaw dwar kwistjonijiet ta' importanza għalihom, partikolarment fir-rigward tal-limitu, il-konverġenza ta' pagamenti diretti u l-kunċett ta' ekoloġija.

Dan ir-rapport ta' progress jenfasizza l-progress miksub matul l-ewwel nofs tal-2012 dwar il-proposti ta' riforma tal-PAK. Dan tfassal taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza abbażi tal-pożizzjonijiet espressi fil-Kunsill u fil-korpi preparatorji tiegħu matul dan is-semestru. Jagħmilha ċara li xejn mhuwa miftiehem sakemm kolloxx ikun miftiehem.

Ir-rapport jenfasizza l-isforzi magħmula mill-Presidenza, speċjalment dwar iż-żieda fil-flessibbiltà, is-simplifikazzjoni u l-kunċett tal-ekoloġija. Huwa jindika l-emendi ewlenin issuġġeriti għall-proposti mill-Kummissjoni u dwar liema l-Presidenza nnutat appoġġ wiesa' mid-delegazzjonijiet. L-emendi ssuġġeriti mill-Presidenza għandhom l-għan li jirriżolvu għadd ta' kwistjonijiet li tqajmu mid-delegazzjonijiet, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-leġislazzjoni futura tal-PAK tkun taħdem fil-prattika u tista' tiġi implimentata b'mod kosteffettiv.

Dan ir-rapport jidentifika wkoll, għal kull waħda mill-proposti, il-kwistjonijiet ewlenin li sa Ġunju 2012 għadhom pendenti, inklużi kwistjonijiet li qegħdin fil-kaxxa ta' negozjar għall-Intestatura 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali (MFF).

Ir-rapport jagħmel distinzjoni bejn tliet kategoriji ta' kwistjonijiet:

- kwistjonijiet li dwarhom hemm appoġġ wiesa' fost id-delegazzjonijiet għall-emendi ssuġġeriti għall-proposti tal-Kummissjoni mill-Presidenza;
- kwistjonijiet li għadhom pendenti f'Ġunju 2012;
- kwistjonijiet li qegħdin fil-kaxxa ta' negozjar tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u li fl-aħħar mill-aħħar għandu jiddeċiedi dwarhom il-Kunsill Ewropew.

Benessri tal-annimali

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar il-protezzjoni u l-benessri tal-annimali ([10478/12 ADD1](#)). F'din l-okkażjoni, diversi Stati Membri spjegaw il-pożizzjoni nazzjonali tagħhom permezz ta' dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ([10478/12 ADD2-ADD5](#)).

Dawn il-konklużjonijiet jiffukaw b'mod speċifiku fuq id-dokument segwenti tal-Kummissjoni:

- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istrateġija tal-UE għall-protezzjoni u l-benessri tal-annimali 2012-2015 ([5398/1/12](#));
- Rapport mill-Kummissjoni dwar l-impatt tar-Regolament Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport ([16798/11](#)).

Il-komunikazzjoni dwar l-istrateġija tal-UE għall-benessri tal-annimali kienet ippreżentata lill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu ta' Jannar. Diġà f'dik l-okkażjoni, diversi Stati Membri kienu laqgħu l-elementi prinċipali proposti f'din l-istrateġija, bħall-implimentazzjoni armonizzata tal-qafas leġislattiv attwali f'dan il-qasam, l-informazzjoni aħjar lill-konsumaturi jew l-ottimizzazzjoni tas-sinerġiji mal-PAK. Delegazzjonijiet oħra kienu indikaw il-ħtieġa għal miżuri li jiżguraw il-kompetittività globali tal-operaturi tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi li ma applikawx l-istess standards tal-benessri tal-annimali.

L-istrateġija l-ġdida ta' erba' snin għandha l-għan li ttejjeb aktar il-protezzjoni u l-benessri tal-annimali fl-UE permezz ta' firxa wiesgħa ta' miżura li jvarjaw mit-tisħiħ tal-azzjonijiet eżistenti għall-possibbiltà li jiġi stabbilit qafas leġislattiv komprensiv ġdid għall-benessri tal-annimali.

F'Diċembru 2011, il-Kummissjoni kienet ippreżentat lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni attwali dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. L-UE ilha b'regoli dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport sa mill-1977. Aġġornament importanti tal-leġislazzjoni tal-UE kien ir-Regolament 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport li ppreveda dan ir-rapport.

Huwa jiddeskrivi l-progress dwar l-applikazzjoni tar-regolament tal-UE dwar it-trasport tal-annimali, u jidentifika diversi modi biex jiġu indirizzati l-problemi li qamu. Madankollu, ir-rapport ma kienx akkumpanjat minn proposta leġislattiva. Il-Kummissjoni indikat il-ħtieġa għal infurzar korrett ta' ċerti miżuri u insistiet fuq l-armonizzazzjoni fl-implimentazzjoni. Dan ir-rapport kien ġeneralment milqugħ, filwaqt li xi delegazzjonijiet żammew it-talba tagħhom għal aktar azzjoni leġislattiva.

Fid-29 ta' Frar u l-1 ta' Marzu 2012, il-Presidenza u l-Kummissjoni organizzaw konferenza konġunta fi Brussell fejn rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-UE, partijiet internazzjonali u partijiet interessati ddiskutew u kkumentaw dwar il-komunikazzjoni dwar strateġija tal-UE għall-benessri tal-annimali. L-eżitu ta' din il-konferenza kien ukoll integrat fit-tħejjija tal-konklużjonijiet.

Ir-rapport li kien użat ukoll għat-tħejjija ta' dawn il-konklużjonijiet jiddeskrivi l-progress fl-applikazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar it-trasport tal-annimali, u jidentifika diversi modi biex jiġu indirizzati l-problemi li tfaċċaw. Madankollu, ir-rapport mhux akkumpanjat minn proposta legiſlattiva. Il-Kummissjoni indikat il-ħtieġa għal infurzar korrett ta' ċerti miżuri u insistiet għall-armonizzazzjoni fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-UE.

L-UE ilha b'regoli dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport sa mill-1977. L-għan tagħhom huwa li jeliminaw l-ostakli tekniċi għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u li jippermettu lill-organizzazzjonijiet tas-suq joperaw mingħajr xkiel, filwaqt li jiżguraw livell sodisfaċenti ta' protezzjoni għall-annimali kkonċernati.

L-aħħar aġġornament tal-legiſlazzjoni tal-UE kien ir-Regolament Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport li jipprevedi rapport dwar l-impatt tar-regolament.

Affarijiet oħra

Benessri tal-annimali - protezzjoni tal-majjali

Il-Kummissjoni għarrfet lill-Kunsill dwar l-iskadenza għar-rekwiżiti ġodda ta' benessri tal-annimali previsti fid-Direttiva 2008/120 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali ([10748/12](#)).

Kif kien diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill f'April fejn kienet diskussa l-kwistjoni, il-Kummissjoni indikat il-ħtieġa ta' konformità mal-iskadenza għall-implimentazzjoni ta' rekwiżiti obligatorji ġodda dwar majjali mgħammra. Hija qalet li kien hemm domanda qawwiya mill-konsumaturi dwar din il-kwistjoni u li għandu jsir minn kollox biex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri fl-1 ta' Jannar 2013. Il-konsegwenzi tan-nonkonformità kienu msemmija wkoll.

Id-Direttiva 2001/88 li temenda d-Direttiva 91/630 introduċiet rekwiżiti ġodda għall-postijiet fejn jinżammu l-annimali. Dawn jinkludu, fost affarijiet oħra, ir-rekwiżit obligatorji għal postijiet fejn majjali femminili adulti u żgħar jgħixu fi gruppi, aċċess permanenti għal materjali għat-*tkabbir* tal-għeruq, u rekwiżit minimu għid għall-uċuħ tal-art. Il-Kummissjoni ffokat fuq ir-rekwiżit għal postijiet fejn majjali femminili adulti u żgħar jgħixu fi gruppi. Dan ir-rekwiżit għandu jiġi implimentat mill-Istati Membri mill-1 ta' Jannar 2013.

Il-laqgħa tal-G20 dwar l-agrikoltura fil-Messiku

Il-Ministri ġew mgħarrfa mill-Prezidenza dwar l-eżitu tal-laqgħa tal-viċi ministri/deputati tal-agrikoltura tal-G20 li saret fil-Belt tal-Messiku fis-17 u t-18 ta' Mejju 2012 .

Il-Prezidenza Messikana tal-G20 talbet lill-viċi ministri/deputati tal-agrikoltura tal-G20 biex iħejju rakkomandazzjonijiet dwar il-produzzjoni u l-produttività agrikola bħala segwitu għall-pjan ta' azzjoni 2011 dwar il-volatilità tal-prezzijiet alimentari u l-agrikoltura, li għandu jiġi ppreżentat fis-summit tal-G20 f'Los Cabos (18-19 ta' Ġunju 2012).

Il-parteċipanti fil-laqgħat tal-Belt tal-Messiku rrikonoxxew il-progress konsiderevoli li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar ċerti kwistjonijiet bħas-sistema ta' informazzjoni dwar is-swieq agrikoli (AMIS) jew il-forum ta' rispons rapidu (RRF). Huma rrikonoxxew madankollu l-ħtieġa li jkomplu l-ħidma biex jimplimentaw dan il-pjan ta' azzjoni. Fit-18 ta' Mejju 2012, huma qablu fuq ir-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà alimentari li għandhom jiġu ppreżentati lis-summit tal-G20.

Ir-rakkomandazzjonijiet jieħdu kont tar-rapport imħejji minn għadd ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u kkoordinat mill-FAO u l-OECD, intitolat "Improving Global Sustainable Agricultural Productivity Growth and Bridging the Gap for small family farms".

Ir-rakkomandazzjonijiet jissottolinjaw ukoll li ż-żieda fil-produzzjoni u l-produttività agrikola b'mod sostenibbli hija waħda mill-aktar sfidi importanti li qed tiffaċċja d-dinja llum.

Reżistenza antimikrobika - preżentazzjoni tal-konklużjonijiet

Il-Prezidenza għarrfet lill-Kunsill dwar l-impatt tar-reżistenza antimikrobika (AMR) fis-settur tas-saħħa tal-bniedem u fis-settur veterinarju ([10582/12](#)) u informat lill-ministri dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet dwar din il-kwistjoni li jistgħu jiġu adottati fil-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Ġunju 2012 ([10347/12](#)).

B'segwitu tal-Konferenza tal-Prezidenza dwar "Il-Ġlieda Kontra r-Reżistenza Antimikrobika – Żmien għal Azzjoni Konġunta" li saret f'Kopenhagen fl-14-15 ta' Marzu 2012, il-Prezidenza kienet ssuġġeriet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reżistenza antimikrobika.

L-antimikrobiċi naqqsu sostanzjalment it-theddida kkawżata minn mard infettiv. Madankollu, dan il-progress huwa pperikolat serjament bl-emerġenza u t-tixrid ta' mikrobiċi ta' reżistenza. Infezzjonijiet ikkawżati minn mikrobiċi reżistenti qed ifallu milli jirrispondu għat-trattament, b'riżultat ta' mard fit-tul u aktar riskju ta' mewt. Il-falliment tat-trattament iwassal ukoll għall-perijodi itwal ta' infezzjoni, li jżid in-numru ta' persuni infettati u b'hekk jesponi l-popolazzjoni inġenerali għar-riskju li tittieħed infezzjoni ta' razza reżistenti. L-aktar inkwetanti f'osthom kollha huwa l-mard fejn qed tiżviluppa reżistenza għal prattikament id-drogi kollha disponibbli. Anke li kieku l-industrija tal-farmaċewtika kellha żżid l-isforzi biex tiżviluppa drogi ġodda biex immedjatament jieħdu post dawk li hemm, xejriet attwali juru li xi mard mhu ser ikollu l-ebda terapija effettiva fi żmien l-għaxar snin li ġejjin.

Fl-2008 il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar l-AMR ([9637/08](#)) bl-appell lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżommu u jtejbu s-sorveljanza kkoordinata għar-reżistenza antimikrobika u l-konsum ta' aġenti antimikrobiċi u biex iżidu l-kuxjenza pubblika kif ukoll il-kuxjenza dwar il-professjonisti veterinarji u tal-kura tas-saħħa dwar l-AMR, l-użu prudenti ta' antibijotiċi fil-bnedmin u fl-annimali u l-prattiki tal-kontroll tal-infezzjonijiet.

Fl-2011 il-Kummissjoni ppubblikat pjan ta' azzjoni kontra t-theddid li qed jiżdied ta' reżistenza antimikrobika li inkluda 12-il azzjoni għall-implimentazzjoni ma' Stati Membri tal-UE u identifika seba' oqsma fejn kienu meħtieġa l-aktar miżuri, inkluż l-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda jew alternattivi għat-trattament ([16939/11](#)).

Produzzjoni organika u ttikkettar tal-prodotti organiċi

Il-Kummissjoni infurmat lill-ministri dwar rapport rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi ([10575/12](#)).

Il-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta valutazzjoni aktar dettaljata ta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-aħħar tal-2013 abbażi ta' valutazzjoni ta l-impatt. B'segwitu ta' dan id-dibattitu, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposti legali fi stadju aktar tard.

Ir-Regolament Nru 834/2007 u t-testi ta' implimentazzjoni tiegħu jikkostitwixxu qafas legali dwar l-l-ikel organiku u l-agrikoltura organika fil-livell ta l-UE.

Meta kien adottat, il-Kunsill indika l-evoluzzjoni dinamika tas-settur organiku u talab għal reviżjoni futura ta' numru ta' kwistjonijiet li għalihom kien meqjus li għandu jingħata kont ta l-esperjenza meħuda mill-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda. Dawn il-kwistjonijiet kienu:

- l-ambitu tar-regolament innifsu;
- il-projbizzjoni dwar l-użu ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM);
- il-funzjonament tas-suq intern u s-sistema ta' kontroll.

Dan ir-rapport jikkonkludi li bħalissa għadu kmieni wisq biex jiżiedu proposti għall-bidla ta' dan ir-regolament, speċjalment fi żmien meta l-proposta korrispondenti għall-allinjament tiegħu mat-Trattat ta' Lisbona għadu qed jiġi diskuss fil-Parlament u fil-Kunsill. Madankollu, elementi fattwali provduti f'dan ir-rapport jistgħu jsostnu d-dibattitu dwar regolament tal-agrikoltura organika.

Ir-rapport jikkunsidra li suġġetti bħas-simplifikazzjoni tal-qafas leġislattiv - (waqt li jiżgura li l-istandards ma jaqgħux l-isfel)-, il-koeżistenza ta' uċuħ tar-raba' ġenetikament modifikati b'mod partikolari permezz tal-agrikoltura organika u t-titjib tas-sistema ta' kontroll u r-reġim ta' ekwivalenza fil-kummerċ ta' prodotti organiċi huma kwistjonijiet ewlenin għal diskussjonijiet futuri dwar l-agrikoltura organika.

Is-sitwazzjoni tas-suq għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

Id-delegazzjoni Pollakka u Litwana infurmaw lill-ministri dwar is-sitwazzjoni tas-suq rigward il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ([11284/12](#), [11295/12](#)).

Sal-laqgħa ta' April meta l-kwistjoni tqajmet mill-Polonja, xi Stati Membri appoġġaw din it-talba Pollokka u Litwana lill-Kummissjoni għal miżuri tas-suq bħala tweġiba għat-tnaqqis tal-prezzijiet fis-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib.

Il-Kummissjoni qalet li kienet konxja tas-sitwazzjoni u kienet qed issegwi mill-qrib l-evoluzzjoni tas-suq tal-ħalib. Abbażi tal-valutazzjoni tagħha tas-sitwazzjoni, il-Kummissjoni ser tirritorna għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss f'Lulju. Hija kienet lesta li tattiva l-miżuri adegwati minbarra miżuri ta' ħażna privata diġà fis-seħħ meta hija qieset li kien hemm bżonn.

PUNTI OĦRA LI ĠEW APPROVATI

AGRIKOLTURA

Pożizzjoni tal-UE fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid

Il-Kunsill assigura maġġoranza kwalifikata favur deċiżjoni li tistabilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-UE rigward risoluzzjonijiet li għandhom jiġu diskussi u vvotati fil-qafas tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV). Ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Awstrija u s-Slovakkja vvutaw kontra, u l-Lussemburgu astjena.

L-OIV hija organizzazzjoni xjentifika u teknoloġika intergovernattiva magħmula minn membri, osservaturi u organizzazzjonijiet internazzjonali bi status partikolari attiva fis-setturi tad-dwieli, l-inbid, xarbiet ibbażati fuq l-inbid, għeneb tal-mejda, żbib u prodotti oħrajn tal-inbid.

L-assemblea ġenerali - il-korp plenarju tal-OIV - ġeneralment tiltaqa' darba fis-sena iżda jistgħu jissejju sessjonijiet straordinarji. L-OIV għandha 44 membru iżda 20 Stat Membru biss huma wkoll membri tal-OIV. Il-laqgħa li jmiss tal-assemblea ġenerali tal-OIV ser issir fit-22 ta' Ġunju 2012. L-UE attwalment m'għandha l-ebda status uffiċjali fl-OIV.

Sħubija Ewropea għall-innovazzjoni dwar l-agrikoltura

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar is-sħubija Ewropea għall-innovazzjoni (EIP) "Produttività u Sostenibbiltà fil-qasam agrikolu".

F'Marzu, il-Kunsill ġie nformat mill-Kummissjoni dwar il-komunikazzjoni tiegħu dwar l-EIP dwar produttività u sostenibbiltà fil-qasam agrikolu ([7278/12](#)). Diversi Stati Membri appoġġaw l-inizjattiva, li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rabta bejn l-agrikoltura u r-riċerka biex titjieb is-sostenibbiltà u jingħelbu l-isfidi li ser tiffaċċja l-agrikoltura fil-ġejjieni.

Għal aktar dettalji, ara l-[Konklużjonijiet tal-Kunsill](#).

LIĠI DWAR L-IKEL**Bord amministrattiv tal-EFSA - Ħatra ta' seba' membri**

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li taħtar seba' membri tal-bord amministrattiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) biex jissostitwixxu l-membri li l-mandat tagħhom ser jintemm fit-30 ta' Ġunju 2012 (10429/12 + 10940/12). Is-seba' membri nnominati huma Valérie Baduel (FR), Sue Davies (UK), Piergiuseppe Facelli (IT), Jaana Husu-Kallio (FI), Radu Roatis Chetan (RO), Jiri Ruprich (CZ) u Tadeusz Wijaszka (PL).

Il-Kunsill adotta wkoll dikjarazzjoni li titlob lill-Kummissjoni biex għall-ħatriet il-ġodda tal-bord amministrattiv tal-EFSA tfassal lista li tinkludi għadd ta' kandidati sostanzjalment oġġla mill-għadd ta' membri li għandhom jinħatru u li ttiprovdi lill-Kunsill għażla fir-rigward kemm ta' membri li għandhom esperjenza f'organizzazzjoni li tirrappreżenta lill-konsumaturi u interessi oħra fil-katina alimentari u membri oħra tal-bord, kif meħtieġ skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament 178/2002.

PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR**Programm tal-konsumatur 2014-2020**

Il-Kunsill laħaq qbil dwar approċċ ġenerali parzjali¹ dwar il-programm tal-konsumatur tal-UE għall-perijodu 2014-2020.

Il-Parlament Ewropew huwa mistenni jivvota dwar l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari f'sessjoni plenarja aktar tard din is-sena.

Il-programm il-ġdid ser ikun is-suċċessur tal-programm 2007-2013 fil-qasam tal-politika tal-konsumatur.

¹ Approċċ ġenerali parzjali huwa qbil dwar l-elementi essenzjali ta' att legali, sakemm tingħata l-opinjoni tal-Parlament Ewropew u d-diskussjonijiet rilevanti dwar l-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE 2014-2020.

L-għan tal-programm huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, li l-konsumaturi jingħataw aktar setgħa u li l-konsumatur jitqiegħed fil-qalba tas-suq intern. Il-programm ser jikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa, is-sigurtà u l-interessi legali u ekonomiċi tal-konsumaturi, u għall-promozzjoni tad-dritt tagħhom għall-informazzjoni, l-educazzjoni u għall-organizzazzjoni tagħhom sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tagħhom. Dan ser jikkomplementa l-politiki nazzjonali tal-konsumatur tal-Istati Membri.

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit għall-Ewropa 2020" tad-29 ta' Ġunju 2011 ipproponiet l-allokazzjoni ta' EUR 175 miljun (fi prezzijiet kostanti tal-2011) lill-programm tal-konsumatur għall-perijodu 2014-2020. L-aħħar pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm ser jiġi deċiż fil-kuntest tal-baġit ġenerali tal-UE għaċ-ċiklu tal-perspettivi finanzjarji li jmiss.

AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Disinji għall-muniti tal-euro

Il-Kunsill adotta regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 975/98 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni.

Fl-2009, il-Kunsill approva rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tidde finixxi l-prinċipji komuni għad-disinji tan-naħat nazzjonali tal-muniti tal-euro. Dawn ir-regoli ser jiġu integrati fir-Regolament (KE) Nru 975/98.

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

EUAVSEC South Sudan

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tistabbilixxi missjoni ċivili għida tal-PSDK biex issaħħaħ is-sigurtà tal-avjazzjoni fl-ajruport internazzjonali ta' Juba. Fl-istess waqt, huwa approva l-kunċett ta' operazzjonijiet għal dik il-missjoni. Għal aktar dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa [11610/12](#).

L-INDUSTRIJA**Preskrizzjonijiet tekniċi għal vetturi bir-roti**

Il-Kunsilla adotta deċiżjoni li tappoġġa ċerti emendi, supplimenti u corrigenda għall-ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) li tikkonċerna l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet użati fuq vetturi bir-roti.

In-NU/KEE tiżviluppa rekwiżiti armonizzati maħsuba li jneħħu l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-vetturi bil-mutur bejn il-partijiet kontraenti tal-ftehim. L-UE hija parti kontraenti għal dan il-ftehim u tivvota f'isem l-Istati Membri.

PROPRJETÀ INTELLETTWALI**Konferenza Diplomatika tad-WIPO**

Il-Kunsill iddeċieda li jadotta d-direttivi ta' negozjar aġġornati għall-Konferenza Diplomatika tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettuali (WIPO) dwar il-protezzjoni ta' wirjiet awdjoviżivi, li ser issir f'Bejġing mill-20 sas-26 ta' Ġunju 2012. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li joħroġ id-direttivi ta' negozjar lill-Kummissjoni, li ser tipparteċipa fil-konferenza f'isem il-Komunità Ewropea.

L-aħħar Konferenza Diplomatika tad-WIPO saret f'Ġinevra f'Diċembru 2000, u kienet ġiet sospiża fin-nuqqas ta' qbil dwar wieħed minn 20 artikolu tat-trattat previst, bil-kundizzjoni li l-konferenza tissejjaħ mill-ġdid ladarba jkun intlaħaq qbil dwar l-artikolu pendenti, li kien il-każ f'Settembru 2011.